MARSA

# Rapport ta' Ħidma 2024

Sindku Luke Farruġia

Viċi Sindku Josef Azzopardi

Kunsilliera Gloria Aquilina

Kunsillier Joseph Scerri

Kunsillier Dominic Spencer

Kunsillier Anthony Meilak

MARSA

# Rapport ta' Ħidma
# 2024

## mis-Sindku Luke Farrugia

Dekasteri - Leġiżlatura Numru 10

- L-Indafa
- L-Infrastruttura
- Proġetti
- L-Ambjent
- Komunitajiet
- L-Inovazzjoni
- L-Integrazzzjoni Soċjali
- Iż-Żgħazagħ
- Il-Ħarsien ta' l-Annimali
- Anzjani
- Sigurta'
- Ġonna u Soft Areas

# Rapport Amministrattiv 2024

## Progress u Kisbiet fil-Marsa

Minn meta ġejt elett bħala l-iżgħar sindku fil-Marsa, kont konxju li r-rwol mhux se jkun faċli. Madankollu, kont naf sew x'kienu l-problemi prinċipali u x'kien hemm bżonn isir. Minn l-ewwel ġurnata ħadt azzjoni diretta fuq l-aktar kwistjonijiet urġenti li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-residenti tagħna.

## Ġlieda Kontra r-Rimi illegali u l-Ħarsien tat-Tindif

Waħda mill-ewwel sfidi li affrontajt kienet il-problema tar-rimi illegali u n-nuqqas ta' tindif f'żoni pedonali. Kif wegħedt waqt il-kampanja tiegħi, ħadt passi deċiżivi: ġew installati kameras tas-CCTV f'punti strateġiċi biex jissorveljaw u jinqabdu dawk li jwettqu dawn l-abbużi. Bil-kollaborazzjoni tas-segretarji tal-kunsill, is-sorveljanza kostanti tiegħi personali u l-għajnuna tal-pulizija lokali, dawk li nqabdu jwettqu r-rimi illegali ġew immultati.

Din l-inizjattiva rnexxiet – u għadha taħdem sa llum. Wara riċerka bir-reqqa, identifikajna aktar hotspots u espandejna s-sistema tal-kameras. Għalkemm dawn huma investiment konsiderevoli, iservu aktar minn skop wieħed: jgħinu wkoll biex ir-residenti jħossuhom aktar siguri.

Minbarra dan, ġiet iffirmata ftehma ta' ftehim (MOU) mad-Dipartiment tat-Tindif, u permezz ta' aktar riċerka, ksibna t-tagħmir meħtieġ biex il-lokalità tinżamm aktar nadifa. Illum għandna 7 ħaddiema tat-tindif u superviżur li jassigura li kollox jimxi kif suppost. Taħt it-tmexxija tiegħi, ġew ukoll installati diversi bins għall-klieb għall-ewwel darba – xi ħaġa li kienet bżonjuża ħafna. Grazzi għal dawn il-miżuri kollha, ir-rimi illegali u l-ilmenti dwar toroq mhux nadifa naqsu drastikament.

## Saħħa tas-Sigurtà f'Marsa

It-tisħiħ tas-sigurtà fil-Marsa kienet u għada prijorità ewlenija. Il-kameras tal-CCTV ġew installati mhux biss biex jiġu evitati abbużi tal-iskart illegali, iżda wkoll biex jitnaqqsu attivitajiet illegali oħra. F'kollaborazzjoni siekta mal-awtoritajiet tal-pulizija, saru laqgħat regolari biex jiġu indirizzati l-problemi tas-sigurtà. Dawn id-diskussjonijiet, għalkemm ma ġewx imxandra, iġġeneraw riżultati sostanzjali — fosthom, il-pulizija tal-komunità issa għandhom aċċess f'ħin reali għall-kameras kollha fil-lokalità.

Din hija biss il-bidu. Se nkompli naħdem bla waqfien biex intejjeb is-sigurtà f'Marsa, għax dan ix-xogħol qatt ma' jista jieqaf.

## Trasport għall-Familji u Appoġġ Soċjali

Fil-ewwel laqgħa tal-Kunsill, qajjemt il-kwistjoni li hemm familji li m'għandhomx trasport biex uliedhom jattendu l-iskola tas-sajf. Wara li eżaminajna s-sitwazzjoni u raġunijiet differenti fuq din id-diffikultà, ipproponejt li l-Kunsill jipprovdi trasport għal dawn it-tfal. Il-proposta ġiet aċċettata u implimentajnia immedjatament — inizjattiva li ntużat minn bosta residenti u li ntalbet sabiex tiġi ripetuta s-sena d-dieħla wkoll.

## Kollaborazzjoni mal-Għaqdiet Volontarji

Parti essenzjali minn dan lir-rwol hi li nżomm relazzjoni b'saħħitha mal-għaqdiet volontarji f'Marsa. Dawn l-għaqdiet huma l-qalb u r-ruħ tal-komunità tagħna. Il-volontarjat mhux imexxi mill-profitt jew il-benefiċċji personali, imma mill-imħabba lejn il-komunità.

Għamilt diversi laqgħat mal- voluntiera ta' l-għaqdiet kollha fil-lokalità, u nagħmel minn kollox biex nappoġġjahom — kemm billi nirriklama l-attivitajiet tagħhom fuq il-midja soċjali, ngħinuhom finanzjament għal xi inizjattivi, jew inkella nattendi l-avvenimenti tagħhom bħala sinjal ta' appoġġ u rispett.

**Aċċessibbiltà għar-Residenti u Involviment mal-kumpaniji industiali**

Sabiex inżomm konnessjoni diretta mar-residenti, introduċejt sigħat ta' laqgħat privati kull nhar ta' Tlieta. Dan jgħin sabiex kull min għandu xi ħaġa xi jiddiskuti miegħi jagħmel dan b'mod konvenjenti u personali.

Barra minn hekk, iltqajt ma' diversi negozji industrijali u kummerċjali, kemm kbar kif ukoll żgħar, biex niddiskutu kif nistgħu ningħaqdu flimkien għal ġid komuni. Hemm diversi ideat promettenti u diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa li se nkun qiegħed nippubblika fil-futur qarib.

**Avvenimenti Kulturali u Rikonoxximent Nazzjonali**

Il-Kunsill kien attiv ħafna fl-organizzazzjoni ta' diversi avvenimenti, mhux biss għar-residenti iżda wkoll għal dawk minn lokalitajiet oħra. Minkejja l-maltemp, il-clean up day kellu impatt pożittiv. Avvenimenti oħra bħall-attività tal-Milied u l-Karnival kienu suċċessi kbar li daħħlu l-ferħ fil-qalba tal-komunità tagħna.

Wieħed mill-aqwa mumenti kien meta il-Marsa ġiet mistiedna tippreżenta l-presepju tal-Milied fi Brussell. Kelli l-unur li nitkellem fil-Parlament ta' Brussell dwar kif din l-inizjattiva saret realtà u l-istorja ta' kif bdiet din il-mixja. Kien mument ta' unur fejnil- Marsa ġiet magħrufa fuq livell internazzjonali.

**Proġetti Maġġuri u l-Futur ta' Marsa**

Minn perspettiva aktar kumplessa, kont involut f'diversi proġetti infrastrutturali, li saru possibbli grazzi għall-għajnuna tal-Gvern. Eżempju ċar huwa l-proġett ta' Spencer Garden u bankini li tlestew ftit ta' żmien ijlu.

Proġetti oħra huma ppjanati li jibdew fil-viċin, fosthom ix-xogħol fi Triq is-Salib tal-Marsa f'kollaborazzjoni mal-GHRC. Għandi wkoll ideat oħra li bħalissa qed jiġu żviluppati, u li se jiġu żvelati fil-mument opportun.

**Ringrazzjament Kollettiv**

Dan kollu ma kienx ikun possibbli mingħajr l-għajnuna sħiħa tal-kunsilliera, l-entitajiet tal-gvern, u – fuq kollox – ir-residenti tal-Marsa. Il-kooperazzjoni, id-dedikazzjoni u r-rieda tagħhom biex jaħdmu flimkien għall-ġid tal-lokalità kienu l-pedament ta' kull kisba.

Flimkien, se nibqgħu nibnu Marsa aktar sigura, aktar nadifa u aktar vibranti.

MARSA

# Rapport ta' Ħidma 2024

## mill-Viċi Sindku Josef Azzopardi

Dekasteri - Leġiżlatura Numru 9 (Sindku)

- Proġetti, Kultura, Edukazzjoni u Indafa

Dekasteri - Leġiżlatura Numru 10 (Viċi Sindku)

- Stazzjon tat-tramm,
- Tlestija ta' Ġnien Spencer
- Kmamar tal-open center

15 ta' April 2025

Rapport ta' Ħidma - Viċi Sindku

Wara li s-Sur Farruġia ġie elett Sindku, min-naħa tiegħi, kull meta ġejt mitlub kemm mis-Sindku u kemm mis-Segretarjat tal-Kunsill dejjem tajt dak kollu li naf u l-esperjenza tiegħi għall-ġid tal-lokal. Bosta drabi forsi kien hawn min ma kienx qed jifhimni jew ħaseb li qed infixkel meta fil-fatt kont qed niggwida mill-esperjenza li akkwistajt mill-Kunsill dawn l-aħħar tlettax-il sena.

L-istazzjon tat-tramm

Fejn jidħol l-istazzjoni tat-tramm flimkien mal-Ministeru tal-Kultura għamilna applikazzjoni mal-Planning Authority biex jkun jista' jsir ir-restawr ta' din il-binja. Saret laqgħa bejn il-Ministru u s-Sindku preżenti fuq is-sit pero' jien ma kontx involut. Tajjeb li dak li jiġi assenjat lilek, tkun informat dwaru.

L-ex Open centre

Kif tafu rnexxielna nagħlqu l-Open Centre wara insistenza kbira mill-Kunsill preċedenti. Il-pjan tal-kunsill preċedenti kien li parti minn din il-binja tingħata totalment lill-kunsill anki ġaladarba din il-binja kollha titranġa. Skont is-Sur Dominic Spencer li kellu laqgħa informali mal-Ministru Byron jidher li dan il-pjan inbidel, u fil-laqgħa preċedenti, dawk preżenti fil-laqgħa ta' Marzu qablu li jsir MOU biex il-Kunsill b'mod temporanju juża xi kmamar mill-binja sakemm jitranġa. Għalkemm naqbel mal-ħsieb, ma nistax naqbel li l-Kunsill preżenti jaqbel li ġaladarba l-binja titranġa l-Kunsill ma jkollux użu minnu ħlief li jsir mużew tal-presepji. Jekk is-Sindku jixtieq li jien nkompli naħdem fuq din il-materja

nitolbu li meta jkun hemm laqgħa mal-Ministru jew relattata ma' din il-binja inkun magħraf minn qabel peress li d-dekasteru tiegħi.

Ġnien Spencer

F'Diċembru li għadda infetaħ Ġnien Spencer. Dan il-ġnien kien uġiegħ ta' ras biex il-kunsill jieħu ħsiebu għax jinvolvi ħafna flus. Miegħu wieħed irid jiftakar li hemm ukoll latrina li tintuża minn ħafna nies li jkunu qed jistennew fuq l-istage ta' Blata l-Bajda.

Il-Kunsill preċedenti mexa b'għaqal hekk kif dan il-ġnien illum huwa ġnien ta' livell, u latrina miżmuma. Il-ġnien fih is-sigurta', jingħalaq u jinfetaħ bil-ħin, miżmum, u t-toilets b'toilet attendant miegħu.

Bis-saħħa ta' dan il-proġett li tħallas kollu mill-ERA, l-kunsill franka ħafna flus u riżorsi filwaqt li llum moħħu mistrieħ bl-istat tal-ġnien.

Tiftakru kif kien qabel? Immigranti reqdin fih, abbużi, dawl ma jixgħelx, tarmac kollu ħofor, bins mkissra, u miftuħ minn kullimkien. Illum dan il-ġnien huwa proġett sabiħ ta' suċċess u li qed jinżamm mantnut mill-ERA mingħajr ebda ħlas mill-Kunsill.

Fil-jiem li għaddew tkellimt mal-awtoritajiet tal-ERA biex jsir MOU biex bih jinħatar kumitat li jieħu ħsieb il-ġnien kif konna fthemna fil-Kunsill preċedenti.

Grazzi

Josef Azzopardi

Viċi Sindku

MARSA

# Rapport ta' Ħidma
# 2024

mill-Kunsilliera Gloria Aquilina

Dekasteri - Leġiżlatura Numru 10

- L-Ambjent
- L-integrazzjoni Soċjali
- Il-Ħarsien ta' l-Annimali
- Il-Qasam Soċjali

# Laqgħa Annwali ta' kull Sena fejn qed nippreżenta l-Pjan ta' Ħidma

### Perjodu tar-Rapport: Ġunju – Diċembru 2024

## 1. L-Ambjent

Matul is-sena 2024, b'mod partikolari fil-15 ta' Novembru, ħadt sehem attiv f'attività ta' tindif tal-lokalità ('clean-up') organizzata mill-Kunsill Lokali u r-Reġjun Nofsinhar. Minkejja l-impenn u l-preparazzjoni, l-attività ma setgħetx titwettaq kif mixtieq minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp li kienu ħżiena.

F'din l-istess sena, flimkien mas-Sindku, bdejna niddiskutu pjan ta' azzjoni għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent lokali, b'għan li niżguraw lokalità nadifa, sigura u sostenibbli għar-residenti kollha. Dan il-pjan jinkludi inizjattivi fuq ir-riċiklaġġ, tindif regolari, u edukazzjoni ambjentali.

**Pjanijiet għal 2025:**

- Implimentazzjoni ta' kampanja edukattiva dwar l-iskart u r-riċiklaġġ.
- Ikun hemm aktar bins separati għall-iskart madwar il-lokalità.
- Organizzazzjoni ta' ġranet ta' tindif bl-involviment tal-iskejjel u l-għaqdiet volontarji.

## 2. Integrazzjoni Soċjali

Dan id-dekasteru huwa maqsum bejni u s-Sindku. F'dan ir-rigward, bħalissa qed nanalizza informazzjoni u eżempji ta' prattika tajba u sostenibbli minn lokalitajiet oħra sabiex inkun nista' nipproponi miżuri konkreti għall-inklużjoni ta' kulħadd fil-komunità tal-Marsa, partikolarment persuni li jiġu minn sfondi kulturali jew soċjali differenti.

**Pjanijiet għal 2025:**

- Organizzazzjoni ta' attivitajiet interkulturali biex jinbnew links bejn komunitajiet differenti.
- Kollaborazzjoni ma' għaqdiet mhux governattivi u servizzi soċjali għal proġetti ta' integrazzjoni.

## 3. Qasam Soċjali

Bħala parti mir-responsabbiltajiet tiegħi f'dan id-dekasteru, se nkun qed norganizza laqgħat ma' diversi għaqdiet fis-sena 2025 sabiex nifhem aħjar il-ħtiġijiet soċjali tal-komunità u fejn hemm bżonn ta' intervent jew appoġġ tal-Kunsill.

**Pjanijiet għal 2025:**

- Żvilupp ta' programm ta' sostenn għal individwi vulnerabbli.
- Inizjattiva ta' volontarjat bejn ġenerazzjonijiet.
- Appoġġ għal attivitajiet li jippromwovu s-saħħa mentali u l-benessri.

## 4. Ħarsien tal-Annimali

Dan id-dekasteru hu maqsum bejni u s-Sindku, u fih saret ħidma importanti matul is-sena li għaddiet:

1. **Cat Feeder Scheme** – Ħeġġiġt lir-residenti sabiex jirreġistraw fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali biex jipparteċipaw f'din l-iskema mmirata għall-ġid tal-qtates mitluqin.
2. **Doggy Bins** – Saru diversi interventi biex jiżdiedu u jitqiegħdu bins apposta għall-annimali domestiċi f'zoni pubbliċi.
3. **Konsultazzjoni mal-Komunità** – Kelli laqgħat regolari mas-Sur Akerley Azzopardi Pace, steward għall-kura tal-annimali fil-komunità, sabiex ninfurma ruħi b'aktar bżonnijiet jew każijiet urġenti.
4. **Appoġġ għall-Kura Medika** – Ressaqt proposta għal fond ta' ħames mitt ewro (€500) sabiex jintuża għal trattamenti veterinarji f'każijiet urġenti. Din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill u ġiet approvata. Sa issa, dan il-fond għadu mhux użat.
5. **Trattament tad-demel fiż-Żona tal-Marsa** – Attendejt għal laqgħat ma' sidien ta' stallell wara sejħa ta' tender preċedenti għas-servizz tal-ġbir tad-demel minn żona importanti b'mod sostenibbli.

**Pjanijiet għal 2025:**

- Edukazzjoni fuq ir-responsabbiltajiet tal-pet ownership fil-komunità.
- Tkompli l-iskema tal-cat feeders b'appoġġ logistiku u edukattiv.
- Riċerka dwar possibbiltà ta' kliniċi veterinarji mobbli b'xogħol konġunt ma' NGOs.

## Konklużjoni u Ringrazzjamenti

Matul is-sena 2024, il-ħidma tiegħi bħala Kunsillier f'diversi deskasteri kienet iffukata fuq is-smigħ tal-komunità, l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti, minkejja l-isfidi u l-limitazzjonijiet li jaffaċċjaw il-Kunsilli Lokali. Huwa ta' sodisfazzjon personali li rnexxieli nkun ta' servizz f'oqsma varji bħall-ambjent, l-integrazzjoni soċjali, il-ħarsien tal-annimali u l-qasam soċjali.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sindku, lill-Kunsilliera kollha, lill-impjegati tal-Kunsill Lokali, u lill-entitajiet kollha li kkolaboraw magħna, kif ukoll lir-residenti tal-lokalità għall-appoġġ, is-suġġerimenti u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom. Mingħajr il-kollaborazzjoni u d-djalogu miftuħ, il-progress ma jkunx possibbli.

Fl-2025 ninsab determinata li nkompli nsaħħaħ dawn l-inizjattivi b'aktar għarfien, struttura u parteċipazzjoni mill-komunità, bil-għan li flimkien nibnu lokalità aktar inklussiva, nadifa u ġusta.

**Ħarsa qasira lejn il-Ħidma tal-Kunsillier Gloria Aquilina – Ġunju sa Diċembru 2024**

| QASAM | INIZJATTIVA/ATTIVITA' | RIZULTAT JEW STATUS |
|---|---|---|
| Ambjent | Clean-up 9 ta' Novembru. Tħassret minħabba t-temp | Tħejjija għal kampanja ambjentali fl-2025 |
| Integrazzjoni Soċjali | Riċerka u analiżi fuq prattiki tajbin | Laqgħat ippjanati ma' NGOs fl-2025 |
| Qasam Soċjali | Laqgħat ma' għaqdiet fl-2025 ippjanati | Għaddej taħriġ u konsultazzjoni |
| Ħarsien tal-Annimali | Cat feeder scheme | Reġistrazzjonijiet bdew |
| | Doggy bins | Inqasmu f'żoni ċentrali |
| | Fond ta' €500 għall-kura veterinarja | Allokat. Għadu mhux użat |
| | Laqgħat mas-Sur Azzopardi Pace u sidien ta' stallell | Koordinazzjoni kompluta fuq tender |

MARSA

# Rapport ta' Ħidma 2024

## mill-Kunsillier Joseph Scerri

Dekasteri - Leġiżlatura Numru 9 - (Viċi Sindku)

- Ambjent, Infrastruttura u Sigurta' Lokali

Dekasteri - Leġiżlatura Numru 10 – (Kunsillier)

- L-Edukazzjoni

MARSA

## Rapport Amministrattiv – Laqgha Pubblika 15/04/2025
## Sigurta u Edukazzjoni.

Nibda dan rapport tieghi fejn nemmen b'shih li dawn iż-żewġ dekasteri ghadhom ikun flimkien u ghaliex, fejn is- sigurta ma tfissirx biss l- infurzar u l- Edukazzjoni ma tfissier bis il-bank ta' l- iskola. L Edukazzjoni hija il pediment tal- kartaru tal-persuna fejn jekk minn ta' eta żgħira il- persuna tkun Edukata u dixxiplinata allura il- problemi ta' ghada ser ikun anqas ghal lokalita. Ghalhekk ejjew ilkoll flimkien nkomplu nixprunaw il quddiem l- Edukazzjoni lil komunità tagħna halli inhallu soċjetà lil ta' warajna ahjar milli sibna ahna.

Dan il- Kunsill kompla jahdem b'shih fejn halla Kunsill ta' qabel fejn kien hemm progetti li kienu waslu fil- final taghhom imma minhabba iz- zmien tal- legislatura kienu ghadhom mhux konkluzi, fejn fost l ohrajn irid nirringrazzja b'shih lis- Sindku precedenti is-Sur Josef Azzopardi u kunsilliera li- hdimna qatih ghal gheluq ta' l- Centru Miftuh, li dan bhal ma jaf kulhadd kien qed johloq sitwazzjoniet xejn pjacevoli ghal komunita u specjalment ghal korp tal- Pulzija, fejn issa dan il post parti minnhu ngħatat ghal- zmien lil Kunsill biex fih qed nuzawh ghal skopijiet edukattivi ghal kulhadd.

L istess jista jinghad ukoll ghat Tram Station binja storika u unika li thalliet ghal bosta snin f'abbandun totali u li iva issa grazzi ghal Kunsill u Gvern din issa ser tigi restawrata u tibda tintuza ghal skopijiet Edukattivi u kulturali.

Dan il Kunsill baqa mixi fuq il prassi ta' Kunsilli ta' qabel fejn dejjem hadem id f' id ma l-skejjel li ghanda fil-lokalita taghna u kien ta'sostenn meta gi mitlub ghal beneficcju ta' l-istudenti li jattendu fl-iskejjel taghna.

Kunsill li ma jieqaf xejn milli jaghti lil komunita il- binja tal- kunsill ghal korsijiet Edukattivi u Krejattivi lil- komunita.

Kellna ukoll programmi edukattivi fosthom :Rights Children's Council Coordinator - The Rights Project in Marsa u Progett aqra mieghi ta' Agenzija Nazzjonli tal litterizmu fi- hdan il-Ministeru tal- Edukazzjoni u Centru ta'Universita

Fejn tidhol sigurta fil- lokalita iva nemmen u nistqarr li hemm izejjed x' jista isir, pero jekk wiehed ihares minn fejn tlaqna snin ilu nahseb li- ghamilna passi enormi fejn tidhol Sigurta u Sorveljanzi u dan seta isir biss ghal Korp tal- Pulizija u lil dawk il Pulizja li- hadmu tul is-snin u li servew fil- lokalita taghna, fejn nistqarr li dawn li-ufficjali ma ghandhomx xoghol facli ghalihom.

Nista nghidt minn hawn li jien personali dejjem inkun involut u internament fejn tidhol Governanza fuq sitwazzjonijiet li- jinqalaw minn zmien ghal iehor ,dan naghmlu minn qalbi ghal gid tal- Komunita u lokalita taghna.

Dan Kunsill li waqax lura xejn u fejn seta ghamel kemm felah CCTV mal lokalita taghna ,li dawn isevu kemm ghal abbuzi ta' minn jarmi barra kif ukoll ghas- sigurta tal- komunita.

Jekk tistaqsu lili iva nixtieq aktar titjieb u forsi personalment kif dejjem tkelliemt ma naqbel xejn fejn jekk ghandek affarijiet tajbin fil- lokalita u qed isiru certu illegalitajiet, ejja ma nehhux dak li huwa tajjeb biex nikontrolaw l- abbuz li- ikun qed isir ghax minghalina inkunu solvejna il- problema, nemmen li ghandu isir aktar infurzar biex inehhi il hazin u inhalli dak li hu tajjeb hemm ghal komunita biex tgawdih fl-aqwa interess ta'Socjeta Civili u inklusiva ma kulhadd.

Xprunajt il- quddiem flimkien ma shabi biex fil- lokalita ikollna patrols frekwenti u spissi tal K9 u Kavallerija kif ukoll resqat il- proposta biex il- Pulizija ikolla Mobile Office atrazzat minn kollox biex dan ikun jista jersaq mal- migrazzjoni li ikollna ta' certu sitwazzjoniet f'postijiet homor fejn ghandek specjalment tehhied u traffikar.

Qabel nalaq ma nistax ma insemmiex xi- haga ghal qalbi u li- hdiemt qatih ghalija fejn qed nirefferi ghal MOU li ghamilna flimkien ma Dipartiment ta' l- indafa pubblika, u li xoghol qed isir issa jista jara id-differenza tieghu kulhadd.

Ghalhekk niringrazzja lis- Sindku Prezenti lil shabi Kunsilliera, l-Ezekuttiv tal kunsill, Segretariat u haddiema taghna ghax xoghol bla waqfien taghhom, Imma fl- ahhar nett grazzi hafna lil Korp tal Pulizija u intom pubbliku ingenerali tal-koperazzjoni taghkom maghna.

Joseph Scerri
Kunsillier.

15/04/2025

MARSA

# Rapport ta' Ħidma
# 2024

## mill-Kunsillier Dominic Spencer

### Dekasteri - Leġiżlatura Numru 9

- Twinning
- Sport u attivitajiet fiżiċi, attivitajiet oħra.

### Dekasteri - Leġiżlatura Numru 10

- L-Indafa
- Il-Kultura, għaqdiet u attivitajiet
- L-integrazzjoni Soċjali
- Sport u Attivitajiet Fiżiċi
- Ġemellaġġi
- Ġonna Soft Areas

# Rapport tal-Ħidma 2024

## Kunsillier Dominic Spencer

**Responsabbli mill-Attivitajiet Kulturali u Gemellaggi**

---

## Introduzzjoni

Fl-2024, il-ħidma tiegħi bħala Kunsillier responsabbli mill-attivitajiet kulturali u l-gemellaggi kienet iffukata fuq il-promozzjoni tal-kultura lokali, is-saħħa tal-komunità u l-kollaborazzjoni internazzjonali. Il-kalendarju kulturali tal-lokalità tagħna żdied kemm fin-numru ta' attivitajiet kif ukoll fil-varjetà, filwaqt li ġeddejna l-impenn tagħna fir-relazzjonijiet ta' gemellaggi.

---

## 1. Laqgħat tal-Kunsill Lokali

**Legislazzjoni 10**

- **4 ta' Jannar** – Jum il-Marsa 2024 u Attivitajiet tal-Karnival
- **15 ta' Frar** – Skema ta' Restawr 2024-2025
- **21 ta' Frar** – Tkomplija tal-laqgħa ta' qabel
- **20 ta' Marzu** – Applikazzjonijiet għal skemi ta' attivitajiet
- **25 u 27 ta' Marzu** – Tkomplija ta' laqgħat
- **25 ta' April / 30 ta' Mejju / 4 ta' Ġunju** – Parteċipazzjoni regolari fil-laqgħat

**Legislazzjoni 11**

- **2 ta' Lulju** – Laqgħa għall-ħatra ta' Sindku ġdid
- **18 ta' Lulju** – Attivitajiet tas-Sajf u tal-Milied
- **Awissu** – Laqgħat fit-1, 8, u 27 ta' Awissu: proġett *Protective Mobility Network* u proposti ta' ismijiet ġodda għat-toroq
- **6 ta' Settembru** – Ftehim (MOU) ma' Cleansing Malta
- **16 ta' Ottubru / 13 ta' Novembru / 10 ta' Diċembru** – Parteċipazzjoni regolari

---

## 2. Attivitajiet Kulturali

**a. L-Attivitajiet Kulturali Annwali**

- **Jannar** – Jum il-Lokalità ċċelebrat fis-19 ta' Jannar b'ġieħ lil individwi nominati minn għaqdiet lokali.
- **Frar** – Karnival mal-Marsin; l-ewwel darba bil-parteċipazzjoni ta' karrijiet tas-sezzjoni C tal-Belt Valletta. Saru kompetizzjonijiet ta' kostumi u tqassmu vawċers tal-kotba biex inħeġġu l-qari fost it-tfal.
- **Marzu** – Appoġġ lill-għaqdiet fiż-żmien tal-Ġimgħa l-Kbira.
- **Mejju u Awwissu** – Parteċipazzjoni u għajnuna kontinwa fl-attivitajiet tal-festi ta' Santissma Trinità u Marija Reġina.
- **Settembru** – Tħaddim ta' kors ta' bini u snajja' tal-presepji b'suċċess u parteċipazzjoni minn nies ta' kull età.

- **Novembru** – Għajnuna fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet tal-massa.
- **Presepju Marsi** ġewwa Brussell – Presepju esebit fil-Parlament Ewropew, żaruħ aktar minn 27,000 ruħ.
- **Diċembru** – Parata tal-Milied biż-żewġ baned Marsin. Għall-ewwel darba ttella' kunċert kbir mid-DJ Dropout Band, magħrufa internazzjonalment.
- **Wirja tal-Presepji** ġewwa l-Kunsill – Reġgħet ittellgħet b'suċċess, attirat eluf ta' viżitaturi Maltin u barranin.

**b. L-Inizjattiva "Kultura Għal Kulħadd"**

- Workshops edukattivi dwar l-arti u l-kreazzjoni ta' presepji minn kulturi differenti, b'enfasi fuq dak Malti.
- Introduzzjoni ta' aktar għaqdiet fil-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kulturali u komunitarji.

**c. Wirjiet u Esibizzjonijiet Fix-Xhur tax-Xitwa**

- Esibizzjonijiet tal-presepju Marsi ġewwa Brussell, kif ukoll wirjiet lokali ta' presepji ta' kull stil.
- **Serata Letterarja** f'Jannar waqt Jum il-Lokalità, b'qari ta' poeżiji u proża minn awturi lokali.

---

## 3. Gemellaggi u Relazzjonijiet Internazzjonali

- Ġeddejna l-ħidma biex inġeddu r-relazzjonijiet ta' gemellagg mal-lokalità ġemellata fir-Renju Unit, biex nerġgħu nagħtu ħajja lil din is-sħubija internazzjonali.

---

## 4. Sfidi u Opportunitajiet

- Sfida ewlenija kienet l-issodisfar tal-aspettattivi dejjem jikbru mill-pubbliku, iżda grazzi għat-tim b'saħħtu u l-kollaborazzjoni mal-għaqdiet, irnexxielna nilħqu l-għanijiet.
- Bħalissa qed nikkunsidraw opportunitajiet ta' fondi Ewropej biex nespandu l-programmi kulturali għall-2025.
- Inbeda l-ħsieb biex fl-2025 jinfetaħ **l-ewwel mużew tal-presepji f'Malta**, li joffri spazju għall-artisti Maltin jesebixxu xogħolhom matul is-sena kollha.

---

## Konklużjoni

Fl-2024, l-għan tiegħi kien li noħloq komunità iktar vibranti, parteċipattiva u konnessa – kemm fuq livell lokali kif ukoll internazzjonali. Grazzi lill-Kunsill, lill-għaqdiet, u lill-voluntiera li għamlu dan kollu possibbli.

Ninsab kommess li fl-2025 inkompli naħdem b'aktar impenn biex insebbħu l-kultura fil-Marsa u noħolqu aktar opportunitajiet għall-Marsin, biex inkompli ngholu isem il-lokalità tagħna.

MARSA

# Rapport ta' Ħidma
# 2024

mill-Kunsillier Anthony Meilak

Dekasteri - Leġiżlatura Numru 10

- L-Indafa
- L-Infrastruttura
- Komunitajiet
- L-innovazzjoni
- Anzjani

## Ħidma u Attivitajiet bħala Membru fil-Kunsill Lokali tal-Marsa

### 1. Laqgħat mal-Anzjani fid-"Day Care Centre"

B'mod regolari, inżur id-"Day Care Center" fil-binja tal-Kunsill Lokali kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa. Matul dawn il-laqgħat, ikolli l-opportunità li nitkellem direttament mal-anzjani tal- Marsa, nisma' l-ideat tagħhom u niddiskuti ideat ta kif nistgħu nagħmlu l-lokalità tagħna aktar adattata għalihom. Il-kontribut tagħhom huwa dejjem ta' valur u jgħinna nfasslu prijoritajiet li jirriflettu l-bżonnijiet veri tal-komunità.

### 2. Parteċipazzjoni u Għajnuna f'Attivitajiet tal-Kunsill Lokali

Matul il-mandat tiegħi, dejjem kont involut fl-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet organizati mill-Kunsill Lokali. Fost dawn l-attivitajiet nista' nsemmu:

- Attività fit-Toroq Marsin tal-Milied – Attività ferrieħa b'kanzunetti tal-Milied, parati u ħafna attrazzjonijiet oħra li ġabu ferħ u spiritu festiv fil-Marsa.

- Żjara fi Brussell – Kelli l-unur li nirrappreżenta flimkien mal-kunsill lil Marsa fi Brussell, fejn ippreżentajna l-presepju tal-Milied magħmul mil presepist, Alan Briffa.

- Ikla tal-Milied mal-Anzjani – Ħarġa sabiħa u ta' qalb li fiha ċċelebrajna l-istaġun tal-Milied flimkien mal-anzjani tagħna.

- Attività tal-Karnival fit-Toroq Marsin – Avveniment mimli ħajja li kien jinkludi kompetizzjonijiet taż-żfin, mużika u premjijiet.

- "Clean up Day" – Inizjattiva komunitarja li kellha l-għan li ttejjeb id-dehra u l-indafa tal-lokalità tagħna.

**3. Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill Lokali**

Nattendi regolari il-laqgħat ta' kull xahar tal-Kunsill Lokali, fejn niddiskutu ideat ġodda u nfasslu pjanijiet biex intejbu lil Marsa. Naħdem mill-qrib mal-membri l-oħra tal-Kunsill, speċjalment mas-Sindku, biex nassiguraw li l-għanijiet tagħna jintlaħqu b'mod effiċjenti u b'għaqal.

**4. Komunikazzjoni Kostanti mar-Residenti**

Inżomm kuntatt kontinwu mar-residenti ta' Marsa sabiex nindirizza l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom, b'mod partikolari:

- Ġbir ta' skart goff (Bulky)
- Ndafa ġenerali tat-toroq
- Żieda fis-sigurtà fil-lokalità

Din il-komunikazzjoni konsistenta tgħinni nżomm relazzjoni tajba mal-komunità u nassigura li r-residenti jħossuhom appoġġjati u mismugħa.

**5. Koperazzjoni mal-Għaqdiet Volontarji tal- Marsa (NGOs)**

Għandi imħabba kbira lejn l-għaqdiet volontarji tal- Marsa, li għandhom rwol ċentrali biex iżommu l-lokalità ħajja u attiva. Nattendi regolarment l-attivitajiet tagħhom u ngħinhom fl-isforzi ta' ġbir ta' fondi, fosthom:

- Bingo Day
- Attivitajiet ġewwa il-knisja
- Iljieli soċjali bħall-lejliet tal-pizza jew tal-burgers

Dawn l-inizjattivi mhux biss jiġbru fondi iżda jsaħħu wkoll ir-rabta bejn in-nies tal-lokal.

---

**Konklużjoni**

Ir-rwol tiegħi bħala membru fil-Kunsill Lokali tal- Marsa hu wieħed ta' sodisfazzjon kbir u umiltà. Jiena dejjem impenjat li naqdi lil Marsin bl-ogħla sens ta' serjetà, dedikazzjoni u responsabbiltà. Kemm jekk hu li nappoġġja lill-anzjani, nisma' lir-residenti, nattendi l-laqgħat tal-Kunsill jew naħdem mal-għaqdiet volontarji, dejjem nagħmel l-almu tiegħi biex il-Marsa tkun fl-aqwa tagħha.

Nemmen bis-sħiħ li permezz ta' xogħol f'tim, komunikazzjoni miftuħa u viżjoni komuni, nistgħu nibqgħu ntejbu lil Marsa u nagħmluha post aktar nadif, aktar sigur u aktar aċċessibbli għal kulħadd. Nistenna bil-ħerqa li nkompli din il-missjoni b'qalbi kollha, biex nisma' lin-nies u naġixxi favurhom b'mod konkret u kontinwu.